MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Numru. 357/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**(Spettur Jesmond J.Borg)**

**Versus**

**Jason Busuttil**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jason Busuttil ta' 35 sena, iben il-mejjet Alfred u Ludgarda xebba Vella, imwieled il-Pieta' nhar il-15 ta' Novembru 1973 residenti numru 38 Triq Dun Gejtanu Mannarino, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 511573 (M)

**<u>Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Mejju 2009 u fix-xahar ta' qabel:-</u>**

a) assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejejr sabeix ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gżejjer mediċina (kokaiana) bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

b) importa jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (kokaiana) f'Malta bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipproklura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu

tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**<u>U aktar talli fit-30 ta' Mejju 2009 u fis-sena ta' qabel din id-data:-</u>**

e) kellu fil-pussess tiegħu d-droga (kokaina) specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(e) kellu fil-pussess tiegħu d-droga (eroina) specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti

msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(f) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

g) u fl-aħħarnett talli b’hekk irrenda ruħu reċidiv b’sentenza mogħtija minn Qorti tal-Maġistrati, il-Maġistrat Dr.M.Hayman datata 8 ta’ Marzu 2000, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ntalbet ukoll biex, f’każ ta’ sejbien taħ ħtija, tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi:

(a) il-fedina penali tal-imputat (fol 3 – 13);
(b) iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 5115 tal-1973 (fol 14);
(ċ) l-ordni tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta’ Ġunju 2009;
(d) l-ewwel risposta waqat l-eżami tal-imputat (fol 19);
(e) id-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat għandu jgawdi mill-artikolu 29 tal-Kap 101 (fol 24)
(f) il-proċes verbal intitolat ‘Xhieda ġuramentata ta’ Jason Busuttil dwar traffikar tad-droga ai termini tal-artikoli 24 tal-Kap 101 redatt minn Dr Michael Mallia (fol 28);
(g) L-ammissjoni magħmula mill-imputat għall-imputazzjonijiet dedotti kontrih nhar fil-5 ta’ Ġunju 2009 (fol.24).

Semgħet ix-xhieda mill-Ispettur Victor Aquilina.

Eżaminat bir-reqqa l-proces verbal ippreżentat.

Stante li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih dawn l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 49 u 50 tal-Kap 9, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii), 22(1)(f), 22(1B) u 29 tal-Kap 101, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b'dan pero' li l-imputazzjonijiet (d) u (e) huma assorbiti fl-imputazzjoni (c).**

**Dwar il-piena l-Qorti qieset dawn il-fatturi:**

**Mil-lat negattiv:**

**(a) Li l-imputat huwa reċidiv;**
**(b) L-ammont involut u l-mod kif kien moħbi;**
**(ċ) Li l-imputat importa d-droga f'laptop;**
**(d) li assoja ruħu ma' persuni kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;**
**(e) Li l-fedina penali mhix nadifa;**

**Mil-lat pożittiv:**

**(i) L-ammissjoni bikrija tal-imputat;**
**(ii) Li għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 fl-intier tiegħu.**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' 38 xahar u għall-ħlas ta' multa ta' €3900 liema multa tista' titħallas b'rati ta' 150 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien 4 ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx din għandha tinbidel skond il-Liġi b'mod li qatt ma jinqabżu s-sitt xhur ai termini tal-artikolu 11 (3) proviso tal-Kap 9. Mill-piena ta' priġunerija għandhu jitnaqqas dak iż-żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ u dejjem fil-parametri li tippermetti l-Liġi.**

**Il-Qorti mhix tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 għax ma nħatar ebda espert matul il-proċeduri.**

**Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni tad-droga taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.**
**(Sakemm il-Proskezzjuni ma tindikax b'Nota fi żmien ġimgħa mil-lum li d-droga għandha bżonnha għal xi proċeduri oħrajn).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------